L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 5 ta' Dicembru, 2003

**Poplu istruwit**

Ix-xokk ta' kif gew ivvotati flusna qieghed ibatti bil-mod il-mod, nispera. Mill-gimgha li ghaddiet sal-lum min kellu jzomm ilsienu u jipprova juri kollox ghadu ghaddej u min kellu ghalxiex jirribella u ghalxiex jishet il-mument li l-sitess Gvern tela' fil-poter kellu c-cans jaghmel dan ukoll.

Jekk ikollna niehdu attitudni rassenjattiva (bla ma nsiru qaddisin) se nghidu li hemm, izda jista' jkun li certa rabja l-ewwelnett ghalina nfusna ddum ma tittaffa u kull ma tnaqqas huwa l-intensità iktar milli tghib.

Izda s-socjetà Maltija qieghda tizviluppa radikalment. Processi socjali, ekonomici u politici li hadu zmien twil biex sehhew f'pajjizi ohra, f'pajjizna donnhom isehhu malajr u f'hafna inqas zmien.

Ghalkemm f'Malta dejjem jibqa' l-fatt li s'issa triq wahda biss ghandna fil-pajjiz li "tpaxxik" tghaddi minnha – skond il-PM – dejjem emmint li Malta, dawn l-ahhar 40 sena ghaddiet minn zminijiet pozittivi kemm meta mqabbla ma' pajjizi tat-tielet dinja kif ukoll meta mqabbla ma' pajjizi li suppost ghandhom livell ta' ghajxien hafna ahjar minn taghna.

Karatteristici ta' zminijiet sbieh insibuhom f'welfare state b'sahhtu, servizz tas-sahha b'sahhtu, bini socjali b'sahhtu kif ukoll edukazzjoni b'xejn.

Dan kien l-ahhar perjodu ta' 40 sena, li fil-fehma tieghi, qieghed jasal fi tmiemu bhalissa. Kien perjodu ta' zmien, li ma nisthix nghid, kollu kemm hu huwa dovut lill-gvernijiet Laburisti tal-passat.

Ghax ghalkemm hemm min jemmen li Alfred Sant huwa kagun ta' kull ma qieghed jigri hazing fil-pajjiz u jwahhal kollox fih – jien wahda minn dawk li nemmen li Gvern Nazzjonalista bl-istess mod ma ghamel xejn fl-ahhar 22 sena hlief li zarma dak li hallewlu fil-kaxxa ta' Malta gvernijiet Laburisti.

Jiena ma jien lesta naghti l-ebda mertu lill-gvernijiet Nazzjonalisti ghax ghalija Gvern li jitfa' lill-pajjiz f'diffikultajiet finanzjarji u li minn kreditu li wiret minn Gvern ta' qablu jispicca b'debitu lanqas jekk jaghmel it-toroq kollha bl-irham ma jikkonvincini, bhalma xejn ma jikkonvinci lill-PM li mhux kollox hu tort ta' Alfred Sant! Daqshekk rasi iebsa!

Izda nahseb li l-ahhar sinjal shih li qieghed nesperjenza madwari huwa l-fenomenu apparentement pozittiv izda fil-fatt negattiv ta' kif il-poplu taghna qieghed isir poplu istruwit. Nistaqsi lili nnifsi,x'inhu l-iktar importanti, jekk hux bniedem istruwit jew bniedem bla xoghol?

Ghalkemm wiehed jista' jistudja hafna dwar l-ekonomija huwa veru li l-esperjenza tghallmek l-ahjar. Bhalissa li pajjizna ghaddej minn dipressjoni fejn jidhlu l-impjiegi hafna zghazagh u anke adulti qeghdin jaghzlu li jkomplu l-istudji taghhom u jgibu kwalifiki godda biex forsi b'dawn il-kwalifiki jzidu l-possibiltajiet taghhom ta' xoghol.

Statistikament wiehed jista' jghid lid an huwa pass pozittiv. Izda meta wiehed ihares iktar mill-qrib lejn ir-realtà ta' l-affarijiet wiehed jinduna li z-zieda fil-kwalifiki qieghda tkun rizultat dirett tal-qghad.

Persuna li ssib tahdem b'certu kwalifiki m'ghandhiex ghalfejn tkompli taghmel kors wara kors biex iggib il-kwalifiki li ghandha.

Bl-ebda mod ma jien kontra l-edukazzjoni – wara kollox jien stess ghal kors gahmilt tlieta jew erbgha u jien stess kont u ghadni nipprattika l-professjoni tat-taghlim.

Izda iktar naqbel ma' taghlim 'in-service' wara li wiehed jigi mpjegat minn kumpanija milli minn industrija shiha ta' organizzazzjoni ta' korsijiet li taghmel il-flus min-nies qieghda.

Fil-fatt kieku jkollok tiftah negozju, wiehed mill-ahjar negozji bhalissa huwa li taghmel korsijiet ghal nies qieghda!

Dan ghax, ghal darb'ohra, tkun qieghed tilghab bit-tama ta' dak li jkun. Twieghdu kors izda ma twieghdux ix-xoghol – iggieghlu jhallas tal-kors u taghtih certifikat.

Izda l-haddiem – li kull sena qieghed isir haddiem dejjem iktar kwalifikat – x'verament ried, certifikati biex iwahhal mal-hitan jew xoghol?

Jien ukoll qieghda naghmel kors. Mhux biex naqa' personali. Izda meta applikajt ghall-kors – li qieghda niehdu b'certa serjetà u li qieghda niddedika certu ammont ta' sighat ghalih fil-gimgha – tant kien hemm nies li applikaw ghall-kors li kollox ma' kollox nemmen li kieku ma kienx ghall-interess tieghi – kieku rragunajt l-affarijiet ahjar ma kontx nidhol ghall-kors!

L-ewwelnett il-kors jiehu hafna hin, it-tieni hemm ammont ta' xoghol li jrid isir; jiswa l-flus u fl-ahhar minn l-ahhar naf li meta se nottjeni c-certifikat se jottjenuh mija ohra mieghi!

Mela naf li se naghmel il-kors izda naf ukoll li l-kwalifiki tista' tkun biss holma li spiccat realtà izda li finanzjarjament ma wasslet imkien.

Imn'alla llum il-gurnata hemm hafna nies li qeghdin jghixu b'realtà viziva biss. Kemm huwa ahjar dak li sa 10 snin ilu b'kors wiehed universitarju kellu xoghol garantit, minn dak li ghandu sitt korsijiet illum.

Izda, nispicca nghid, li kollox anke s-shubija shiha ta' Malta fl-Unjoni Ewropea nqisuha bhala kors twil li jqum il-flus ta' poplu shih u li jispicca f'certu biza' izda li mhux bilfors jissaraf fi flus.

Din hija l-kultura gdida ta' ohlom u vvizwalizza – dwar jekk m'ghandekx immaginazzjoni tassumix li ghandek dritt ghalih – specjalment jekk hu xoghol.

Nixtieq li jkollna poplu istruwit – izda nixtieq ukoll li barra istruwit ikun wkoll impjegat b'paga dicenti ma rridux noqoghdu niftahru bl-edukazzjoni sejra 'l quddiem bhala rizultat dirett taz-zieda fil-qghad. M'inix certa jekk nistax insejjah fenomenibhal dawn bhala progress jew regress.

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq: lornav@onvol.net